# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023**

**Numru 7**

**Rikors Numru 401/19TA**

**Margaret Mary Barry (Passaport Irlandiż numru PD9840331)**

**vs**

1. **Ic-Chairman u l-Bord tad-Diretturi Ajruport Internazzjonali ta' Malta**

2. **Malta International Airport plc**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Margaret Mary Barry (l-Attriċi) tal-24 ta' April 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija waslet Malta mill-Irlanda permezz tat-titrija provduta mil-linja tal-arju Ryanair nru. FR7242 liema ajruplan telaq mill-belt tad-Dublin;
>
> Illi mal-wasla taghha, ghall-habta ta' nofsilejl, waqt li kienet ghaddejja mill-procedimenti necessarji, l-esponenti kienet involuta incident meta waqghet u habtet partijiet minn rasha u ghonqha ma' struttura tal-irham apparti li hadet tisbita mal-art;

Illi l-kawza ta' din il-waqa' tal-esponenti kienet maduma li ma kinitx invellata mal-kumplament tal-art u li ghalhekk holqot dizlivell.

Illi bhala konsegwenza ta' din il-waqa' l-esponenti giet ammessa ghall-kura gewwa l-Isptar Mater Dei nhar it-tletin (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn instab li kellha hsara fit-tessuti rotob f'diversi partijiet ta' gisimha u frattura fil-grandi corna tal-ghadma ioide, u fejn ghalhekk nghatat pilloli kontra l-ugigh kif ukoll doza qawwija ta' steroidi minhabba l-infih li kellha u inflamazzjoni li setghet issirilha;

Illi r-rikorrenti ghadha tihu l-kura u xi pilloli sal-gurnata tal-lum sabiex tikkumbatti l-ugieh u l-griehi li soffriet minn dana l-incident u kif ukoll kellha tibda sessjonijiet tal-fiżjoterapija;

Illi minhabba dan l-incident u l-griehi konsegwenzali, ir-rikorrenti ma setghatx t'attendi ghax-xoghol ghal xi zmien u b'hekk sofriet ukoll *loss of wages*;

Illi l-intimati huma responsabbli għal dana il-korriment u d-danni konsegwenzjali billi l-inċident fuq imsemmi sehh unikament b'tort, b'ħtija, b'negliġenza u traskuraġni tagħha, u dan kif ser jigi spjegat u ppruvat fil-mori ta din il-kawza.

Illi permezz ta' Ittra Ufficjali datata l-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Ittra Ufficjali numru 3489/18)(Kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dok 'A'**) l-intimati gew interpellati biex jerqsu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofriet r-rikorrenti f'dan l-inċident iżda baqghu inadempjenti;

Illi l-esponenti taf d'dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilemnt titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma unikament responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi u ghad-danni kollha li soffriet r-rikorrenti b'konsegwenza ta' dan l-incident;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata l-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018)(Ittra Ufficjali numru 3489/18) u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta taċ-Chairman u Bord tad-Diretturi tas-Soċjeta' konvenuta (il-konvenuti diretturi) u kif ukoll tas-Soċjeta' Malta International Airport Plc (is-Soċjeta' konvenuta) tat-23 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. "Preliminarjament, iċ-Chairman u l-bord tad-Diretturi tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ma humiex il-leġittimi kontraditturi u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

2. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

3. Subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti qedin jiċħdu bis-saħħa kwalsiasi rabta mal-inċident in kwistjoni u kwalsiasi responsabbilta' għall-inċident u, wkoll, l-allegati danni sofferti mir-rikorrenti. Inoltre, l-konvenuti jinsistu illi l-inċident in kwistjoni ġie kkawżat unikament minħabba t-traskuraġni u/jew in-negliġenza tal-attriċi jew ċirkustanzi oħrajn li m'għandhomx x'jaqsmu mal-konvenuti;

4. Subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma wkoll ikkontestati, u r-rikorrenti għandha tressaq kull prova valida skond il-liġi sabiex tipprova t-telf li allegatament sofriet in segwitu tal-allegat inċident.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti ma jippresentaw ebda kumplessivita'. Jirrisulta li l-Attriċi ġiet Malta għal vaganza ma' bintha fid-29 ta' Mejju 2017. Waslet Malta fuq it-titjira tal-linja tal-ajru Ryan Air nru FR7242. L-ajruplan telaq minn Dublin.

**2.** L-atterraġġ sar għal ħabta ta' nofs il-lejl ta' dik il-ġurnata. Meta kienet qed tipproċedi flimkien ma' bintha biex toħroġ u kienu resqin lejn l-escalator, l-Attriċi waqgħet jew żelqet, bil-konsegwenza li laqtet qasrija kbira ta' kulur iswed u għamla retangulari. L-Attriċi isostni li kawża ta' din il-waqgħa kienet maduma merfugħa xi ftit 'l fuq aktar minn oħrajn.

**3.** B'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-Attriċi tgħid li sofriet ħsara permanenti f'persuntha u għalhekk kellha tagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-Attriċi tippremetti li l-inċident in kwistjoni seħħ tort uniku tal-konvenuti minħabba li kienu negliġenti u traskurati (ara a' fol 2). Dan ifisser li l-azzjoni esperita hija fost oħrajn abbażi tal-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn it-tlett artikoli jiddisponu hekk:

*1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija* tiegħu.

u

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-*famiija.

u

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni,għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta 'ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

**5.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni għalhekk huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-konvenuti, għad-danni li l-Attriċi tallega li soffriet u qed issofri konsegwenza tal-ħsara li hija ġarrbet fuq il-persuna tagħha f'dan l-inċident.

**6.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din, jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

**7.** Kif rajna l-art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*. Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**8.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta`

prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-*bonus paterfamilias*. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "*l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**9.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż u ċioe' n-ness kawżali. Din il-prevedibbilta' "*trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*."

**10.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema*

*l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali”*.

**11.** Fl-aħħar nett fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech** et kien eluċidat is-segwenti:- “ *… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-‘ħtija’, madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li jużа l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*”

**Iċ-Chairman u Diretturi mhux leġittimi kontradittturi**

**12.** Qabel xejn din il-Qorti trid l-ewwel tikkonsidra l-eċċezzjoni taċ-Chairman u l-Bord tad-Diretturi tas-Soċjeta’ konvenuta fis-sens li huma mhux il-leġittimi kontradittturi.

**13.** Ma hux dubitat u hija informazzjoni li tinsab fid-dominju pubbliku u għalhekk din il-Qorti tista tieħu nota tagħha mingħajr ħtieġa ta' prova fl-atti, li ajruport ta' Malta huwa amministrat u ġestit mis-Soċjeta' Konvenuta li inevitabbilment, minħabba l-liġi, taġixxi tramite l-Bord ta' Diretturi tagħha. Artikolu 4(4) tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi b'mod ċar li "*A commercial partnership has a legal personality distinct from that of its member or members, and such legal personality shall continue until the name of the commercial partnership is struck off the register, whereupon the commercial partnership shall cease to exist*". Multo magis, mela, kemm japplika aktar dan il-prinċipju għad-Diretturi ta' Soċjeta' kummerċjali.

**14.** Dawn jistgħu jirrendu lilhom infushom responsabbli personalment f'sitwazzjonijiet ristrettissimi taħt il-liġi u minn dawn is-sitwazzjonijiet ma hemm xejn f'din il-Kawża. Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni taċ-Chairman u Diretturi tas-Soċjeta' konvenuta u konsegwentement ser tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Responsabbilita'**

**15.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni għandha l-ewwel tistabilixxi l-kwistjoni ta' responsabbilita'. Għaliex mankanti din, ma hemmx danni x'jiġu likwidati.

**16.** Jingħad li "*La colpa , in senso tecnico-guridico-, consiste in un comportamento coscienete dell-agente che, sia pure senza volonta ' di*

*recare danno ad altri, sia cuasa di un evento lesivo per negligenza, imprudenza , imperizia ovvero per inosservanza di regole o norme di condotta”* (**Giovanna Visintini, Trattato Breve Della Responsabbilita’ Civile , Cedam pg 45**).

**17.** Fi ftit kliem, iwieġeb għal ħsara ta’ ħadd dak li b’għemilu mingħajr ħtieġa ta’ ħsieb anzi b’nuqqas tiegħu jikkawża danni lil ħadd. Dan in-nuqqas ta’ ħsieb irid iwassal għal xi nuqqas ta’ osservanza ta’ obbligu taħt il-liġi imnissel mill-prinċipju ta’ “duty *to take due care*”. Dan huwa ukoll konformi mal-prinċipju l-ieħor ġenerali li huwa “*d-dover li jiehu hsieb li ma jigrix id-dannu hu ta’ min ikun ser jaghmel l-att li mbaghad igib id-dannu*” (**Vol. XLII P I p 7**). Issa bil-kelma “att” il-liġi tifhem, kemm jekk ikun wieħed b’kummissjoni u anke b’ommissjoni, bħal meta n-nuqqas ta’ manutenzjoni ta’ propjeta’ tikkawża dannu lil ħadd ieħor.

**18.** Iżda mhux biżżejjed li jitwettaq l-att, iżda jrid ukoll jiġi pprovat, li tesisti ħolqa ossia ness bejn l-għemil illeċitu u d-dannu kawżat. Kif tant tajjeb jgħallmu dawn il-Qrati:

“*Hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili f’materja ta’ danni akwiljani illi “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu” (Artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f’min “ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja” [Artikolu 1032 (1)]. Hu, pero` sew dottrinalment, sew gurisprudenzjalment, illi biex ikun hemm lok ghad-danni hu imprexxindibilment mehtieg li jkun hemm ness ta’ kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. Hekk jinsab*

*affermat illi "perche possa una persona ritenersi responsabile per i danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummercjali, tas-6 ta' Frar, 1928**). Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u tal-fatti risultanti fil-Kawża l-Qorti ser tgħaddi biex tipprovdi dwar ir-responsabbilita'.

**19.** Jibda biex jingħad li l-inċident inkwistjoni seħħ f'wieħed mill-postijiet li tista' tgħid huwa l-antonomasia ta' post pubbliku: l-ajruport ta' Malta. Post, iffrekwentat minn traffiku ta' eluf ta' persuni kuljum. Għalkemm ma hemm ebda prinċipju stabbilit, din il-Qorti xorta li tħoss li għandha tgħid, li aktar ma post ikun frekwentat, akut id-"duty to take care" ta' min huwa responsabbli mill-amministrazzjoni ta' post bħal dan. Fost l-aktar obbligu impellenti hemm dak ta' manutenzjoni kontinwa u twettiq ta' miżuri ta' sigurta'.

**20.** Il-Qorti tibda sabiex tfakkar, li l-Kap 405 tal-liġijiet ta' Malta jagħti is-segwenti definizzjoni ta' ajruport:

*'"ajruport" tfisser kull area ta' art jew medda ilma magħmula,mgħammra, riservata jew soltu użata sabiex tipprovdi faċilitajiet għat-tlugħ jew għall-inżul ta' ajruplani<u>, u tinkludi terminal tal-passiġġieri tal-ajru</u>, terminal tat-tagħbija li tinġarr fl-ajru u maħżen għat-tagħbija li tinġarr fl-ajru kif ukoll kull art <u>u faċilità pertinenti għal ajruport'</u>* (emfażi tal-Qorti).

**21.** Dan ifisser li s-Soċjeta' konvenuta kjarament għandha twieġeb, dejjem jekk ikun hemm għalfejn, għal dak li jiġri fit-terminal tal-passiġġieri u f'kull faċilita' pertinenti għall-ajruport. Għalhekk, lanqas ma għandu jkun hemm dubbju li fejn seħħ l-inċident żgur jaqa' f'xi waħda minn dawk il-kategoriji.

**22.** Dwar il-fatti l-Attriċi tgħid "*I noticed that the floor had black marble tiles with mirror flecks on them. They were new as I travel through the particular air port often and not seen them before*" u tkompli tispjega li "*WPC Scerri felt the floor around the indicated area and found a tile which was protruding above the rest, It also had a mark on it as if it should have been cut to fit in but was unfinishe*d" (a' fol 27). Irid jingħad pero' li meta xehdet din il-Pulizija ma kkorraboratx għal kollox il-versjoni tal-Attriċi. Di fatti WPC 319 Anna Maria Scerri tixhed li kienet l-Attriċi li qaltilha li "*Waqt li kienet sabiex tohrog minn gewwa l-arrivals kien hemm mis livell ta' tile u konsegwenza t'hekk waqet u habtet mal-flower pot*" (a' fol 60 u 61). Mix-xhieda tagħha ma jirrisultax b'mod ċar li hi kienet spezzjonat din il-maduma. Dan tirraportah fir-rapport li għamlet dwar l-inċident (a' fol 65).

**23.** Dwar dan id-dettal Frank Borg, li kien is-sewwieq li qiegħed jistenna lill-Attriċi jgħid "*Qaluli waqghet hemmhekk. Tfixklet f'xi maduma jew x'irhama, x'inhi u habtet ma' pot*" (a' fol 44 u jirrepeti x'qalulu a' fol 45). Marcon Hili, *Customer Service Officer* mas-Soċjeta' konvenuta li l-aktar tixħet dawl dwar l-inċident meta xehdet li "*Rigward l-art qalet li kien hemm maduma ftit aktar, xaghra iktar gholja minn ohra*". Fuq mistoqsija tal-

Qorti, jekk ħax nota liema maduma ġiet indikata lilu jixhed wieġeb "*Yes iva, xaghra iktar baxxa minn ohra, xifer*". Dan ix-xhud tgħid ukoll li wara dak in-nhar tal-inċident saru arranġamenti biex din il-maduma tiġi livellata (a' fol 52 u 53).

**24.** F'email li dan ix-xhud bagħat lil Christopher Meck datata 30 ta' Mejju 2017, jgħid hekk "*Unfortunately, one of the tiles is slightly lower than the others, <u>thus making it easily to trip</u>…. Ryanair Pilot who was passing through that way, said that he intended <u>sending a complaint regarding this area</u>, as it was very slippery and easy for passengers to slip.*" (a' fol 55 emfażi tal-Qorti). In-kontro eżami għal mistoqsija kif l-Attriċi urietu kif waqgħet wieġeb "*Urietni b'saqajha, li qisha tkaxkret saqajha u habtet max-xifer li kien hemm*. (a' fol 278 tergo). Għal darba oħra jikkonferma ukoll li din il-maduma irranġawha (a' fol 281).

**25.** Minn dawn il-passaġġi l-Qorti tislet dawn il-konklużjonijiet:-

1. Li maduma mhux livellata tassew kienet tesisti.
2. Li wara li l-inċident din ittranġat.
3. Li l-istess rappresentant tas-Soċjeta' konvenuta wasal għal konklużjoni li din il-maduma hija ta' perikolu tant li "*<u>thus making it easily to trip".</u>*
4. Li saħansitra Pilota tal-ajru Ryan Air kien ser jibgħat ilment peress li f'din il-parti tal-ajruport, l-art tiżloq ħafna u li kienet ta' perikolu għan-nies.

**26.** Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u l-preponderanza tal-fatti, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni, li s-Soċjeta' konvenuta għandha twieġeb għall-inċident inkwistjoni u għad-danni li sofriet l-Attriċi. Huwa l-obbligu tas-Soċjeta' konvenuta li taċċerta li dawk l-akkwati kollha li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni tagħha, ikunu ħielsa minn kull perikolu kontinwament, partikularment meta din il-maduma setgħet titranġa, kif fil-fatt ġara, qabel l-inċident. Li kienet tajba ma kienitx tinbidel. Ma jiswa xejn li jiġi argumentat li minn fejn ġara l-inċident għaddew eluf ta' nies u ma ġralhom xejn u allura l-Attriċi ma għandhiex raġun. Inċident wieħed irid ikollok u Alla ħares l-eluf. It-test tad-dmir "to take care" u li tkun diliġenti u prudenti ma hux wieħed kwantitattiv iżda kwalitattiv.

***<u>Likwidazzjoni ta' danni.</u>***

**27.** Kif jistabilixxi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili *l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija <u>t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara</u>, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, <u>u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem</u>, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.* Għalhekk id-danni dejjem ġew klassikament klassifikati f'dawk li huma *damnum emergens*, jigifieri telf attwali u effettiv u *lucrum cessans*, iġifieri telf fil-futur.

***Damnum emergens***

**28.** Din il-Kawża tippresenta fattispecie partikulari, inkwantu d-danni effettivi jista' jkun li anke jissuperaw id-danni tal-futur. Ħafna mid-danni li qed ikunu kkunsidrati jikkonsistu prinċipalment f'infieq ta' mediċi u operazzjonijiet. Di fatti l-Attriċi presentat numru mhux żgħir ta' infieq f'mediċini u kura li anke ħadet barra minn Malta (a' fol 125 sa 270). Dwar l-awtentiċita' ta' dawn id-dokumenti ma hemmx problema għaliex is-Soċjeta' konvenuta aċċettat dan salv li rriservat li tikkontesta l-infieq tagħhom (a' fol 271).

**29.** Dwar dan l-aspett ta' infieq l-awturi jiktbu li *"the claimant is entitled to recover all expenses reasonably incurred in the treatment of their injuries. This includes fees for medical advice and for surgical operations, the cost of treatment and care in a hospital or nursing home , and the cost of surgical appliances (such as artificial leg or eye and of drugrs and other prescription"* (**Munken on Personal Injuries and Death, 12th ed, LexisNexis, pg 134 para 14.17**). L-awtur f'dan il-ktieb, saħansitra jammetti spejjes ta' vaganzi li huma neċessarji ai fini ta' konvalexxenza. Dan it-tagħlim huwa konformi mal-prinċipju tant importanti f'kawżi ta' din ix-xorta li jiddetta li d-danneġġjat għandu sa fejn huwa possibbli jitqiegħed fil-posizzjoni ekonomika li kien fiha qabel l-event dannuż (ara **Antonio Zammit -vs- Mario Calleja" Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977**). Li ma kienx hekk, kieku l-Qorti tkun qed inġustament tippermetti li l-

patrimonju ekonomiku tal-vittma jittiekel minn dawn ix-xorta ta' spejjes li kienet kostretta li tagħmel, mingħajr ħtija tagħha.

**30.** F'dan l-istadju, b'mod antiċipat il-Qorti tagħmel referenza għal dak li osserva Dr. Kenneth Muscat, l-espert mediku imqabbad minn din il-Qorti:

*"… I conclude that, in may opinion, **there is no permanent disabilty or impairment of the whole body from ENT point of view.***

*However, this does not mean that there are no other factors to be considered. The ENT symptons mentioned can be expressed by the patients that pass through a strangulation epsiode. This can be explained more via the psychological / psychiatric realm rather than from the anatomical ENT perspective. A psychiatric evaluation would help to delineate any percentage incurred from that area.*

*Any other disabilities related to the above mentioned incident in other areas of the body, including dental and orthopaedic, are to be assessed by other medical specialists and added up accordingly in a proportional way"* (a' fol 277 tergo). Il-Qorti tirrileva ukoll li Dr. John F. Mc Carthy fid-dikjarazzjoni tiegħu datata 15/10/2021 jiddikjara li "*I saw her on 14.7.14 (?) following her return from Malta. She had a history of previous vasculitis and complex history"* (a' fol 269 emfażi tal-Qorti). Dan jikkontrasta ħafna ma dak li qalet l-Attriċi in kontro eżami, għalkemm meta pressata mill-Qorti ammettiet li kellha type 2 diabetes. Għalkemm fl-imsemmija xhieda tipprova timminimizza l-kundizzjonijiet mediċi li kellha l-

Attriċi, il-Qorti ma tistax tinjora li kif qal l-istess tabib tagħha fuq imsemmi li hi kellha "*a complex history*". Il-Qorti f'dan ir-rigward tfakkar li dan it-tabib eżaminaha "*following her return from Malta*". Il-Qorti kienet tistenna li tinforma lill-espert tal-Qorti b'din l-istorja kumplessa li kellha biex seta' jkun f'posizzjoni aħjar fl-evalwazzjoni medika li għamel.

**31.** B'dana kollu, dan ma jfissirx li din il-Qorti mhux ser tillikwida danni effettivi li sofriet l-Attriċi. Li jifisser hu li ser tkun qed tnaqqas dak mitlub bi tletin fil-mija (30%) biex tagħmel tajjeb għal dak spjegat aktar il-fuq. Għalhekk, ser tkun qed tillikwida s-somma tad-*damnum emergens* fis-somma ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000). L-attriċi qed titlob (€64,182.40).

***<u>Lucrum cessans</u>***

**32.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn stabbilit kif jiġu komputati u likwidati d-danni. Din is-Sentenza tagħmel użu mis-segwenti kriterji.

**33.** Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens

purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Fil-każ li għandha quddiemha d-diżabilita' tal-Attur, skont Massimo Abela hija ta' 45 (a' fol 16). Di piu' sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħdha tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

**34.** Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**35.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then*

*reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

**36.** Pero' din il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'rapport tal-Perit espert tagħha li minn ottika ta' ENT ma sab ebda diżabilita' permanenti (supra) għalkemm jagħti x'jifhem li jista' jkun hemm xi diżabilita mill-perspettiva psikjatrika, odeontoloġika u ortopedika. Issa f'dan ir-rigward intqal li "*the uncertainty in quantification of damage does not prevent assessment, provided that some broad estimate can be made*" (Ara **Hall-vs-Rose (1813), 1 Dow 201,HL** u kif ukoll **Chaplin -vs- Hicks (1911) 2KB 786, 80 LJKB 1292, CA**). Għalhekk din il-Qorti xorta ser tkun qed tagħti somma *arbitrio boni viri* li ser kun ibbażata fuq in-nefqa ta' mediċini li ser ikollha tagħmel fil-futur.

**37.** Konformament mat-tagħlim tal-Qrati ingliżi in *subiecta materia*, din il-Qorti kif presjeduta dejjem emmnet li f'sitwazzjoni bħal din, ma jfissirx li l-Qorti għandha tiskarta għal kollox l-għotja ta' somma ta' telf ta' qliegħ futur. Jekk tagħmel hekk, tkun qed twettaq inġustizzja għaliex ma għandu jkun hemm ebda dubbju ta x'danni sofra l-Attur. In-nuqqas ta' prova

kwantum tal-qliegħ u anke fl-assenza totali ta' perċentwal ta' diżabilita' permanenti, fid-dawl ta' provi oħrajn dwar il-materja, ma jiprekludiex lil din il-Qorti milli tillikwida d-danni, basta l-kriterju użat ikun wieħed raġjonevoli għaliex wara kollox kien jispetta lill-Attur li jipprova d-danni.

**38.** Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Ara **Sentenza fl-ismijiet Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004)**.

**39.** Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun iddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li *"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*".

**40.** Huwa wkoll stabbilit, li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u

xieraq għaċ-ċirkostanzi. L-eta' li kellha l-Attriċi fil-mument tal-inċident kienet dik ta' 63 sena.

**41.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

**42.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert -vs- Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** fejn kienet qalet hekk:

"*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun*

*jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

**43.** Fid-data tal-inċident l-Attur kellu 63 sena. Dan jirrisulta minn diversi dokumenti esebiti mill-Attriċi (ara per eżempju a' fol 269). Il-kalkolu ta' dawn il-Qrati huwa fis-sens li l-qliegħ futur iwassal sal-eta' ta' 65 sena għalhekk strettament għandu jkun kalkolat fuq sentenjn. Pero', l-Qorti taqbel ma dak li qalet l-Attriċi, li llum bl-avvanz tal-mediċina fil-kura preventiva tal-bniedem wieħed jista' jikkonsidra li jtawwal xi ftit iż-żmien. L-Attriċi tippretendi li dan għandu jkun għal medda ta' għoxrin sena żmien.

**44.** Iżda tenut kont tal-eta' tal-Attriċi u kif ukoll għall-fatt li kif diġa' intqal, qabel l-inċident kellha storja medika kumplessa, dan huwa perjodu esaġeratament twil, għalkemm mewt u ħajja Alla jaf meta. Fil-waqt li din il-Qorti tawgura ħajja twila lill-Attriċi, b'xiber il-bniedem ser tkun qed tikkonsidra dan il-perjodu fuq medda ta' ħames snin biss.

**45.** Kwantu għal-lump sum payment, il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti** ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Il-

kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Pero; kif ser jingħad aktar 'l quddiem, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-lump sum payment mhux ser ikun imnaqqas.

**46.** L-Attriċi targumenta, li ai fini ta' *lucrum cessans* qed tirriklama biss is-somma ta' tlett elef mitejn u disgħa punt tnax-il ewro (€3,209.12) fis-sena rappresentanti spejjes li ser ikollha tagħmel minħabba l-effetti fiżiċi li qed tbati minnhom wara l-inċident. Il-Qorti ma hiex konvinta li dawn kollha huma spejjes inkonnessjoni mal-inċident, għalhekk anke hawn ser tnaqqas din is-somma bi tletin fil-mija (30%) u dan fid-dawl li kif diġa' rilevat kienet isoffri minn xi kondizzjonijiet oħrajn ta' natura kronika li għalihom xorta riedet tieħu xi mediċi b'mod abitwali. Għalhekk, din il-Qorti qed tillikwida s-somma ta' elfejn mitejn u wieħed u erbgħin ewro (€2241) multiplikat b'ħames darbiet jammonta għal ħdax-il elf mitejn u ħames ewro (€11,205).

**47.** Kieku t-telf futur kien jirrigwarda telf ta' salarji din il-Qorti kienet tapplika ukoll tnaqqis ta' perċentwalita' ta' disabilita permanenti (għalkemm f'dan il-każ ma hemmx) u kif ukoll il-lump sum payment li kienet tkun dik indikata aktar 'l fuq. Imma dan mhux il-każ, għaliex si tratta ta' spejjes li trid tagħmel l-Attriċi tul il-ħames snin. Ma hux qliegħ jew introjtu.

**48.** Ġaladarba dawn huma spejjes ta' kura, konsapevoli ta' kemm qegħdin jogħlew l-ispejjes ta' mediċini u kura medika, din il-Qorti tħoss li għandha iżżid din is-somma b'għaxra fil-mija (10%). Għalhekk, is-somma finali rappresentati *lucrum cessans* ser tkun ta' tnax-il elf tlett mija ħamsa u għoxrin punt ħamsin Ewro (€12,325.50). Dan ifisser, magħduda ma' dan l-ammont is-somma l-oħra ta' *damnum emergens,* is-somma finali tad-danni sofferti mill-Attriċi tammonta għal sebgħa u ħamsin elf tlett mija ħamsa u għoxrin punt ħamsin Ewro (€57,325.50).

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha tiddeċiedi u taqta' l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** taċ-Chairman u diretturi tas-Soċjeta' konvenuta u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara lis-Soċjeta' konvenuta unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni sofferti mill-Attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident.

**Tilqa t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont **sebgħa u ħamsin elf tlett mija ħamsa u għoxrin punt ħamsin Ewro (€57,325.50)**.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Attriċi d-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż għas-Soċjeta' Konvenuta ħlief tal-konvenuti diretturi li jkunu a spejjeż ta' l-attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**